**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 12 – IT-TNEJN, 7 TA' OTTUBRU 2013 FIS-6:00PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 11**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 2.4 għandha tiġi "Justin Bieber" u mhux "One Direction".

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2. Punti li joħorġu mill-minuti**

2.1 Fil-paragrafu 4.3, is-Sinjura Rita Saliba ġibdet l-attenzjoni li hi kienet talbet biex jiġu kkunsidrati l-iskips għall-iskart domestiku. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis irrisponda li l-iskips kienu tneħħew u ma jagħmilx sens li jerġgħu jiddaħħlu.

2.2 Fil-paragrafu 6.1 is-Sur Malcolm Abdilla ġab għall-attenzjoni li l-kaxxi tal-qtates iċċaqalqu imma baqgħu hemm.

**3 Pagamenti Numru 10**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4. Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-kawża miftuħa minn B Grima and Sons Ltd. Ġie deċiż li l-ex Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Adrian Mifsud jissejjaħ inkjamata fil-kawża minħabba l-mod illegali kif ġie mixtri l-materjal. Ġie deċiż wkoll li tintbagħat ittra legali lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minħabba n-nuqqas ta' risposta wara li dan il-każ ġie riferut lilhom u l-Kunsill baqa' mingħajr risposta.

4.2 Ġiet diskussa r-risposta negattiva li l-Kunsill irċieva mill-GPD għall-applikazzjoni ta' devoluzzjoni għall-bini f'Ta Żwejt. Dan minkejja li kien hemm ftehim tal-MTI. Għandha tintalab laqgħa b'urġenza mal-Onor Michael Farrugia, l-Onor Joe Mizzi u l-Onor Josè Herrera.

4.3 Ġiet innutata li infetħet il-kawża kontra l-ex Sindku, is-Sur Joseph Aguis minħabba li kien injora l-ftehim biex jirritorna onorarja eċċessiva li kien ingħata. L-ewwel ġurnata tas-smiegħ għandha tkun fit-18 ta' Ottubru 2013.

4.4 Ġiet innutata t-talba biex tiġi resurfaced parti minn Triq iċ-Ċawsli u petizzjoni biex tiġi resurfaced Triq il-Fikus. Ġie deċiż li din issir meta jkun hemm fondi neċessarji.

4.5 Ġew diskussi d-dettalji biex terġa' tinħareġ sejħa għal servizzi ta' Perit minħabba li skada t-tender kurrenti.

4.6 Ġew diskussi d-dettalji biex terġa' tinħareġ sejħa għal servizzi ta' ġbir ta' skart domestiku. Kien diġà ġie deċiż li s-servizz għandu jsir mingħajr skips, fejn il-ġbir isir door-to-door. Ġie deċiż ukoll li l-ħin tal-ġbir għandu jibqa' filgħodu.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet diskussa t-talba tal-ħanut Pinto biex il-Kunsill jikkonsidra t-talba biex isir platform fejn illum hemm ħamrija biex jistgħu jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet. Ġiet ippreżentata pjanta ġdida wkoll. Ġie deċiż li ma tiġix aċċettata din it-talba minħabba li se titneħħa l-ħamrija.

5.2 Ġiet diskussa l-approvazzjoni biex isiru l-core cuts fuq is-soqfa tal-Kunsill. Ġie deċiż li din issir wara li joħroġ ir-rapport tal-Perit tal-Bord tal-Inkjesta.

5.3 Ġiet innutata korrispondenza għall-Kompetizzjoni European Waste Reduction. Ġie deċiż li ma napplikawx għal din il-kompetizzjoni.

5.4 Ġiet innutata korrispondenza fejn ġejna nfurmati li l-GO ser ineħħi żewġ Card Phones minn Triq il-Baħar l-Iswed u oħra minn Triq Antonio Schembri. Ma kienx hemm oġġezzjoni fuq din.

## 6. Affarjiet oħra.

6.1 Is-Sur Neville Mallia talab biex isir reminder lil TM għal belisha crossing fi Triq Bella Vista fil-viċinanzi tal-ħanut Vee Gee Bee minħabba li hija perikoluża ħafna biex taqsam it-triq. Talab ukoll biex issir talba lil TM biex tinfetaħ is-Central Strip fi Vjal ir-Riħan biex ma jżommx l-ilma.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex nitolbu lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex tiġi rranġata Triq is-Sardinell minħabba li din sarilha l-ħsara meta kienet qed tinbena c-Child Minding Centre fl-istess triq.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn tinbidel kaptella fi Triq il-Ġojjin. Fi Triq ir-Rummien hemm siġra privata li hemm bżonn tinżabar, kif ukoll hemm bżonn li ssir bollard fi Triq Ewkaliptus.

6.4 Is-Sur Malcolm Abdilla lmenta rigward it-trukkijiet li jgħaddu mit-triq ta' Wied Għomor minkejja li hemm tabelli kontra din. Ġie deċiż li għandu jiġi nfurmat ir-Reġjun fuq din biex isir moniteraġġ mill-wardens. Għandha issir reminder lil TM ukoll rigward it-twessiegħ u r-resurfacing ta' din it-triq. Hu talab ukoll biex tiġi rranġata l-iStop Sign fi Triq San Anard kantuniera ma' Triq is-Santwarju.

6.5 Is-Sinjura Rita Saliba nfurmat lill-Kunsill li hemm żewġ tabelli tat-traffiku l-għassa ta' San Ġwann. Hi nfurmat ukoll li hemm plot li qed jinbena fi Triq is-Santwarju li għandu ħafna materjal li jista' jinġabar bix-xita. Hi talbet biex issir bozza ġdida fi Triq Wiġi D'Amato minħabba li mhemmx waħda f'din it-triq. Ġie deċiż li tinġabar stima għal din il-bozza. Hi fakkret li kien ġie approvat refreshing ta' linji tat-triq fi Triq Bella Vista ħdejn il-Cartridge World. Hi fakkret li fi Triq Ta' Żwejt hemm ħafna dlam.

6.6 Is-Sur Trevor Fenech ġab għall-attenzjoni li hemm periklu fis-service road quddiem is-Savemart minħabba li karrozzi qed jgħaddu minn hemm b'veloċità qawwija.

6.7 Is-Sur Mikhail Micallef ġab għall-attenzjoni li l-artikli tal-fuljett li jmiss għandhom jiġu ppreżentati sal-aħħar ta' Ottubru. Is-Sindku irrisponda li għandu jsir arranġamenti mill-Printer biex dawn l-artikli jiġu ppreżentati 3 ijiem qabel ma jmorru għall-istampar.

6.8 Is-Sur Dominic Cassar talab biex il-ħanut Nida fi Triq in-Naxxar jagħmel bi spejjeż tiegħu barrier mal-bankina minħabba x-xita. Kien hemm qbil sakemm ma jkunx hemm ostaklu għal min ikun qed jimxi. Hu talab ukoll biex issir kaxxa taħt in-notice board tal-Kunsill fi Pjazza Lourdes għall-użu ta' dak il-hawker li jbiegħ il-gazzetti nhar ta' Ħadd. Kien hemm qbil li din issir bi spejjeż tiegħu. Ġie deċiż li ssir sub meter fil-latrina. Hu ġab għall-attenzjoni d-doggie bin li tneħħiet minn Triq in-Naxxar u tpoġġiet fi Triq il-Lantana. Is-Sur Neville Mallia għandu jitkellem mal-kuntrattur fuq dan. Hu ġab għall-attenzjoni li kien mar il-cart ruts u sab mara li fetħet il-bieb tagħha li jagħti għall-cart ruts u kienet qed tonxor il-ħwejjeġ bil-kelb tagħha jiġri.

6.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li se jbiddel il-kariga tas-Sinjura Rita Saliba. Hi ser tkun responsabbli mit-tindif, u qtugħ ta' haxix mit-toroq mhux urbani, l-iskips tar-reċiklar u l-widien u r-responsabbiltà tad-dawl jingħata lis-Sur Dominic Cassar. Is-Sinjura Rita Saliba nfurmat lill-Kunsill li hi mhux qed taċċetta din il-kariga.

## 7. Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.10pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 21 ta Ottubru 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |